# Is-7 ta' Ġunju 1919 u l-Floriana

**Kitba ta' Max Farrugia**

Meta jsiru diskorsi biex ifakkru dan l-avveniment, jew inkella jinkitbu artikli dwar x'ġara dakinhar, ftit li xejn huma dawk li jsemmu l-involviment tal-Floriana jew niesha. Minbarra li mietu erba' individwi f'dawn l-irvellijiet nafu li kien hemm ukoll diversi feruti u fost dawn kien hemm il-Furjaniż Emmanuele D'Emanuele. Bħat-22 l-oħra feruti Emmanuele kien tilef diversi ġranet tax-xogħol u l-kumitat li kien twaqqaf bl-isem ta' Pro Maltese Morti e Feriti per la Causa Nazionale il 7 Giungo del 1919 kien ta lill-familja tiegħu tliet xelini sabiex tkopri ftit mill-ispejjeż. Dan il-kumitat kien l-istess wieħed li ħa ħsieb it-twaqqif tal-monument fiċ-ċimiterju tal-Addolorata li kien ġie inawgurat ftit snin wara dawn l-irvellijiet.

Imma s-sehem tal-Floriana ma kienx biss permezz ta' individwi li ħadu sehem imma ferm aktar minn hekk. Il-Floriana laqgħat fi ħdanha mhux biss lill-feruti fl-isptar li kien hemm dak iż-żmien imma wkoll lil dawk li nqatlu f'dawn l-irvellijiet. Karmenu Abela, Manuel Attard, Ġużeppi Bajada, u Wenzu Deyer sakemm saret id-difna kienu nżammu fil-kamra mortwarja li kien hemm fil-Floriana. Din il-kamra mortwarja, li kienet tinsab ftit 'l isfel mill-Isptar Ċentrali (illum il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizja) fl-24 ta' Settembru 2009 kienet iġġarrfet waqt maltempata minħabba l-istat ħazin li kienet tinsab fih u minflok ma giet irrestawrata, inbniet kważi kollha mill-ġdid. Illum din m'għandha l-ebda użu.

Imma l-aktar sehem importanti kien li l-knisja Parrokjali tal-Floriana laqgħat fi ħdanha lil dawn il-vittmi għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa u t-tberik tal-katavri. Hawn forsi min jistaqsi, għaliex il-Floriana u mhux il-Belt Valletta ?

L-Avukat Ugo Mifsud meta xehed quddiem l-inkjesta maħtura biex tinvestiga x'ġara, qal: "In-nies, sa minn kmieni filgħodu bdiet dieħla l-Belt u tpoġġi l-kuruni tal-fjuri fejn sfaw mejta l-vittmi". Il-baned riedu jagħmlu funeral kbir fil-Belt. Huwa jgħid li dak iż-żmien kien il-President tal-Banda La Vallette u m'għogbitux l-idea li l-funeral isir fil-Belt u jerġgħu jidħlu n-nies il-Belt. Ikompli jixhed li huwa għamel minn kollox sabiex il-funeral isir fil-Floriana.



Dun Nerik Dandria jgħid fix-xhieda tiegħu quddiem il-kumitat tal-inkjesta, li kien intbagħat għand l-Isqof sabiex iwassal il-messaġġ dwar il-quddiesa u l-funeral. Il-korteo kien hemm min ried li jitlaq minn Strada Rjali u jibqa' sejjer għal Konkatidral ta' San Ġwann. I-isqof Mawru Caruana kien lest li jaċċetta li l-quddiesa ssir fil-Knisja ta' San Ġwann.

Kif wasal lura fil-Każin La Vallette, fejn kienet qed issir il-laqgħa dwar il-funeral ġie infurmat li kienu nqalgħu x'inċidenti fi Strada Rjali u wara diskussjoni fit-tul, irnexxielhom jipperswadu lil kulħadd li l-korteo tal-funeral, jitlaq mill-Furjana. Huwa reġa' mar jinforma b'dan lill-Isqof Caruana.

Il-Gvernatur kien għabba bir-responsabbiltà lill-Isqof Angelo Portelli, li kien id-delegat li mar ikellmu, li huwa (il-Gvernatur) kien lest li ma joħroġx il-militar fit-toroq imma wissieh ukoll, li jekk il-qassisin ma jikkoperawx mal-

awtoritajiet u jużaw l-influwenza tagħhom fuq in-nies, huwa kien lest li jitfa' l-ħtija kollha fuqhom. Dan l-istess kliem kien qalu wkoll lill-organizzaturi tal-funeral. L-amministrazzjoni Ingliża hekk kienet taħdem sabiex tfarfar ir-responsabbiltà.

Il-membri tal-kumitat li kien qed jorganizza l-funeral talbu lill-Gvernatur sabiex ma jkunx hemm suldati waqt il-ħin tal-funeral għax dawn segħtu jurtaw lill-folla u allura, huma ma jkunux responsabbli għalli jista' jinqala'. Sir Ugo Mifsud xehed li huwa u sħabu qattgħu l-ħin kollu ta' qabel il-funeral jipperswadu lin-nies sabiex ma jaqalgħux inkwiet.



Delegazzjoni mill-kumitati tal-baned La Vallette u King's Own kellhom laqgħa mal-Logo Tenent Gvernatur sabiex jaraw jekk huwa kellux xi oġġezzjoni għall-funeral. Ir-risposta kienet, li sakemm ma jidħlux nies il-Belt, huwa ma kienx ser joġġezzjona. Kien hawn li ġie infurmat li l-funeral se jsir fil-Furjana sabiex jevitaw kull inkwiet. Il-ftehim li l-baned ma jkollhomx stendardi magħhom, ma nżammx u l-avukat Mifsud, wara li pperswadihom sabiex ma jintużawx, l-istendardi ntrefgħu ġo dar il-Furjana, sa wara l-funeral.

Il-funeral sar tard waranofsinhar u għalih attendew folol kbar ta' nies. Dan kien l-akbar funeral li qatt sar ġol-Furjana b'eluf kbar preżenti. Il-korteo telaq mill-kamra mortwarja.

Wara t-twiebet imxew l-ewwel il-Kappillani u saċerdoti tal-Parroċċi fejn kienu joqogħdu l-vittmi tal-irvellijiet flimkien mal-Arċipriet tal-Furjana, Mons. Franġisku Mallia. Warajhom kien hemm diversi membri tad-Deputazzjoni, tal-Assemblea Nazzjonali, u familjari tal-vittmi. Fl-aħħar mexa l-poplu. Kif kien miftiehem ma kienx hemm suldati fit-toroq iżda ftit Pulizija sabiex iżommu l-ordni jekk jinqala' l-bżonn. Matul il-funeral inżamm il-kwiet u l-paċi, kollox mexa bl-ordni.

Il-Maltin urew li kienu kapaċi jaġixxu skont l-okkażjoni. Mill-kamra mortwarja l-korteo mexa lejn il-knisja ta' San Publju fejn l-Arċipriet, xi Kappillani u diversi saċerdoti ħadu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa funebri. Ma sar l-ebda diskors minn uffiċjali tad-Deputazzjoni imma l-memorja tagħhom tfakkret minn wieħed mis-saċerdoti. Wara ċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa sar it-tberik tal-fdalijiet tal-vittmi.



*Fejn il-Kamra Mortwarja*

Malli spiċċat il-funzjoni reliġjuża, il-funeral kompla b'mod privat lejn iċ-ċimiterju tal-Addolorata, fir-Raħal il-Ġdid. Kien hemm diversi individwi li bdew jinsistu mal-folla preżenti sabiex imorru bil-kwiet lejn djarhom ħalli ma jkunx hemm inkwiet.

Tajjeb ngħid, li sigħat qabel il-funeral, il-Belt kienet diġà maħnuqa bin-nies, b'mod speċjali Strada Rjali u l-madwar tal-Katidral ta' San Ġwann. Dawn bdew jinsistu li jiġu indirizzati mill-uffiċjali. F'ħin minnhom l-Isqof, l-avukat Ugo Mifsud u xi oħrajn ippruvaw jikkalmaw il-folla. Kien hawn li l-Avukat Ugu Mifsud, aktar 'il quddiem Sir u anki Prim Ministru ta' Malta, indirizza l-folla fejn spejga għaliex il-furneral kien ser isir il-Furjana u mhux il-Belt. Huwa qal li jekk allaħares qatt jinqala' l-inkwiet mal-

forzi militari, dak kollu li kienu ilhom snin twal jiġġieldu għalih għan-nom tagħhom, jista' jintilef. Wara dan id-diskors, u anki indirizz qasir mill-Isqof il-folla aċċettat li l-funeral isir fil-Furjana.

B'mod konklussiv nista' ngħid, li l-Furjana mhux biss tat is-sehem tagħha sabiex issellem lil dawn il-vittmi Maltin imma wkoll, biex ma jintilifx dak ix-xogħol kollu li kien sar mill-Assemblea Nazzjonali sabiex Malta tingħata Kostituzzjoni fejn il-poplu jkun jista' jagħżel huwa d-deputati tiegħu, kif fil-fatt sar fl-1921.


**Steve Salon**
Hairstylist & Barber Service
by Alan

Tel: 21242687
Mob: 79538990

65, Gunlayer Street
Floriana

Amatoalan@hotmail.com



*Is-Sinjura*
*Catherine Micallef*
*tawgura*
*l-Festa t-Tajba*
*lill-klijenti*
*tal-Banka Vilhena*

*17, Triq il-Miratur,*
*Furjana*

*Awguri!*

**MARTHESE**

**ĦWEJJEĠ**
**TAL-AĦĦAR MODA**
**ŻRABEN, TAPITI,**
**BJANKERIJA, EĊĊ.**

*Il-Festa t-Tajba*
*lil kulħadd*

**74, Triq San Tumas,**
**Floriana**
**Tel: 99822154**




**JOBBERS**

**19, St. Anne Street, Floriana**
**Tel: 2123 3734**

*Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*